MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 1441/2005

**Mary Jones (ID 831048M)**

**vs**

**Paul Galea (ID 643740M) u Helen Galea (ID 1003745M) konjugi**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tlett elef erba' mija u erba' u disghin Euro u sitt eurocentezmi €3494.06), ekwivalenti ghal elf u hames mitt Lira Maltin (LM1,500) ta' dak iz-zmien, jew somma ohra verjuri li tista' tigi likwidita minn dana l-Onorabbli Tribunal flimkien mal-ispejjez kollha u l-imghax skond il-ligi raprezentanti debitu konsistenti f'sehem tal-konvenuti tall-ispejjez inkorsi mill-attrici ghar-riparazzjoni tas-saqaf tal-fond '*Eureka'* Casolani Lane, Msida, u dana bhala koproprjetarji tal-bejt u l-arja sovrastanti l-istess fond kif ukoll rapprezentanti d-danni sofferti mill-attrici

minhabba l-inadempjenza tal-istess konvenuti baqghu inadempjenti li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta ssollevata mill-konvenuti fejn eccepixxew illi:

1) Fl-ewwel lok, illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghal kwalsiasi danni li soffriet l-attrici, liema danni gew ikkawzati b'tort uniku tal-attrici, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2) Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-attrici ezegwiet ix-xoghlijiet minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tal-konvenuti, tant illi l-konvenuti huma totalment injoti dwar ix-xoghlijiet li kienu necessarji u x-xoghlijiet li gew ezegwiti mill-attrici jew fuq struzzjonijiet taghha;

3) It-Tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont mitlub huwa eccessiv;

4) Fir-raba' lok illi tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz inklux illi l-attrici aggixxiet arbitrarjament u li qatt ma pprovdiet rendikont dettaljat tax-xoghlijiet minnha ezegwiti qabel l-intavolar ta' dawn il-proceduri, l-konvenuti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Sema x-xhieda ta' Mary Jones, Peter Jones, Joseph Sammut, Paul Galea u Helen Galea.

Ra d-dokumenti kolha ezebita fl-atti tal-kawza.

Ra n-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Paul Galea

Ra x-xhieda dokumentali kollha fl-Atti tal-kawza.

IKKUNSIDRA:
Illi mill-provi migbura jirrizulta lli l-attrici u l-konvenut ghandhom saqaf ta' blokk bini li jappartjeni lilhom u li l-partijiet huma komproprjetarji kemm tal-bejt u l-arja

sovrastanti ta’ l-istess fond. Illi l-bejt garrab allegati hsarat u l-attrici qieghda titlob sehem il-konvenuti ghad-danni sofferti minnha. Il-Konvenuti cahdu lli huma kellhom xi tort ghad-danni sofferti mill-attrici. Rigward l-ispejjez l-konvenuti ma kienux a konoxenza lli saru xi spejjez u l-anqas ma kienu nfurmati li kienu ghaddejjin xi xoghlijiet fuq il-bejt taghhom.

Illi mir-ritratti ezebiti jidher illi s-saqaf tal-attrici kien qed jitfarafar u jaqa’ minhabba nuqqas ta’ manutenzjoni ta’ l-istess bejt. Illi l-bejt huwa r-responsabbilita’ taz-zewg partijiet peress illi huma komproprjetarji. Izda jidher illi l-konvenuti ma jghixux fl-istess fond. Il-konvenut ghalkemm huwa komproprjetarju ma jghix fl-istess blokk izda jiehu hsieb imantjeni l-proprjeta’ tieghu. Mix-xhieda tal-attrici hija tghid illi l-konvenut kien ittraskura l-proprjeta’ tieghu u ma kienx imantni l-bejt li kellhom in komuni u li kien ir-ragel taghha li kien jiehu hsieb il-bejt.

Illi fil-fehma tat-Tribunal bhala komproprjetarji l-ispejjez ghall-mauntenzjoni tal-bejt huwa diviz bejn il-komproprjetarji. Lli jekk kemm-il darba l-attrici  dehrilha lli l-bejt kellu bzonn  manutenzjoni u li l-komproprjetarju l-iehor ma kienx qed jaghti kaz il-proprjeta’ li ghandhom in komuni kien fi dmir taghha li timinimizza d-danni u tiehu hsieb illi taghmel ir-riparazzjonijiet necessarji fuq il-bejt.

Illi jirrizulta lli l-attrici damet sabiex taghmel ir-riparzzjoni necessarji u per konsegwenza subiet certi danni fl-appartament taghha. Illi l-attrici ma pproducietx ricevuti tal-ispejjez maghmula hlief ghal dawk tal-bennej fis-somma ta’ LM800. L-attrici ma producietx ricevuti tal-ispejjez elenkati fil-prospett izda f’xi uhud mill-kazi gew ezebiti stimi tax-xogholijiet li ghadhom ma sarux.

It-Tribunal huwa konvint illi d-danni subiti mill-attrici kienu kawzati minn nuqqas ta’ manutenzjoni tal-bini. Illi ghal dan in-nuqqas it_-Tribunal jhoss illi r-responsabbilita’ taqa’ fuq l-attrici peress illi kien fid-dmir taghha lli timinimizza d-danni li jkunu qieghdin jigu subiti tul iz-zmien.

Illi l-attrici ma pproducietx provi bizzejjd bid-debiti ricevuti tal-hsarat subiti.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jhossux konvint li l-ispejjez kollha mitluba mill-attrici ghandhom jigu mhallsa mill-konvenuti izda ha jillimita ruhu billi jakkolji t-talba limitatament ghall-ispejjez ghar-riparazzjoni tas-saqaf li kien jiswa’ LM800.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici limitatament ghan-nofs l-ispejjez subiti ghar-riparazzjoni tas-saqaf fis-somma ta’ disa mija u wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmi (€931.75), ekwivalenti ghal erba’ mitt lira Maltin ta’ dak iz-zmien (LM400), bl-imghaxijiet mis-6 ta’ Lulju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------